DRAMA FIL-KURRIKULU – 1

**TEMA: IL-KLAWN U L-179**

*Fuq l-iskrin jidhru xbihat ta' Buffi differenti.*

**KLAWN:** Bonġu, bonġu lil kulħadd. Jien Mister Klawn. Ir-razza tiegħi ilha teżisti sekli sħaħ. Qabel Malta saret Indipendenti u Repubblika! Aħna l-Klawns konna niġru minn belt għal oħra, nivvintaw il-kliem u l-movimenti.

**KOR:** U kontu teħdulna l-menti!

**KLAWN:** Mhu veru xejn. Għax biċ-ċajt tagħna kontu titgħallmu. Per eżempju, aħna l-buffi konna naħdmu f'familja, konna niftiehmu. U qatt ma kellna bżonn inċemplu l-179.

**KOR :** Dan biex int ġej dalgħodu? X'għandu x'jaqsam il-179?

**KLAWN:** Mela! Irrid ngħidilkom li fil-familji tal-klawns qatt ma kien hemm l-abbuż tat-tfal. (*Juri lejn l-iskrin*) Araw! Dawk tal-familja tiegħi…

**KOR:** Mhux aħjar tgħidilna x'se tirreċta biex naraw kemm int kapaċi fid-diskors u l-movimenti?

**KLAWN:** Movimenti le, għax ġimgħa ilu lwejt sieqi waħda sew fuq waħda mill-bankini mimlijin ħofor li għandkom f'dil-gżira tal-qaddisin u l-kaċċaturi.

**KOR:** Ma nibdewx bil-botti. Din skola. U fi skola qatt m'għandu jkun hemm kritika.

**KLAWN:** Mela ngħaddu għas-suġġett tal-kummiedja soċjali tiegħi. (*B'mod esaġerat*) Sinjuri, nippreżentalkom *Ir-Reċta tal-179* li tista' tolqot it-tfal ta' Malta u Għawdex fis-seklu 21.

**KOR:** Għidilna. Għidilna dwar dan l-imbierek 179.

**KLAWN:** (*Isejjaħ*) Idħlu, idħlu Amanda u Charmaine. Ġibthom hawn, ġibthom it-tnejn.

**CHARMAINE:** Nota oħra.

**AMANDA:** X'fiha issa?

**ĊHARMAINE:** U mhux is-soltu.

**AMANDA:** Ġib ħa naqraha. Charmaine u Amanda. Għandkom biċċtejn pizza fil-friġġ. Kemm issaħħnuhom fil-*microwave.* Jien u l-papà t-tnejn se nispiċċaw tard mix-xogħol illejla. Stennewna għand in-nannu Frank u mbagħad ngħaddu għalikom.

**CHARMAINE:** Jien ma rridx immur għand in-nannu Frank!

**AMANDA:** U kieku nista', lanqas jien!

**KLAWN:** (*Jersaq lejhom.*) Bejnietna: għaliex?

**KOR:** Aħna wkoll mimlija kurżità.
Mela għidulna: x'inhi din l-ansjetà?

**CHARMAINE:** La tridu tkunu tafu: In-nannu Frank iffissat! Il-ħin kollu jiċċajta doppju sens. U jgħidilna x'nisbieħu u jmelles f'xagħarna. Baqagħlu żmien ukoll!

**AMANDA:** Biċċa ta' xiħ maħmuġ li hu!

**KLAWN:** Id-dilemma: In-nannu qed jabbuża? U hawn, sinjuri fejn jidħol il-179! Aħna fil-kumpanija tagħna, fil-familja tal-klawns, qatt ma jkollna problemi bħal dawn! Imma llum, donnhom anki n-nanniet baqgħu jaħsbu doppju sens! Ma nafx taqblux miegħi! (*Diskussjoni*).

**CHARMAINE:** Jien li kien għalija ilna li ċempilna l-helpline. Il-179 numru ta' emerġenza.

**AMANDA:** U tesaġerax! Ara ma jfettillekx, Charmaine! Jekk iċċempel il-179 tgħidx kemm jinqala' inkwiet. Lin-nannu Frank jistgħu jeħduh għall-investigazzjoni, jidħlu tal-Appoġġ u jinqala' pandemonju sħiħ fil-familja! Ara ma jfettillekx! Anki l-gazzetti jagħmlu festa! Jien naħseb li qed tgħaġġibha!

**KLAWN:** Hemm hu sinjuri: Jibżgħu mill-iskandlu dat-tfajliet. U n-nannu Frank jitpaxxa bihom bħal ħawħiet! Intom x'taħsbu dwar in-Nannu?

**KOR A/B:** (*Jalternaw ilħna diversi. Il-KLAWN jaddotta stil sarkastiku.*)

**KOR:** 179

**KLAWN:** Abbużi! Imma hemm skandlu? X'se jiġri?

**KOR:** 179

**KLAWN:** Inkwiet fil-familja. Investigazzjoni.

**KOR:** 179

**CHARMAINE:** Allura x'se nagħmlu bin-nannu Frank?

**AMANDA:** U xi tridna nagħmlu bih? Forsi beda jiblieh!

**KLAWN:** Sinjuri, wasalli l-ħin biex intemm dan l-ispettaklu żgħir tal-lum. Imma issa nħalli f'idejn l-udjenza biex tara x'inhu l-kaġun ta' din l-istorja: x'inhu l-kaġun u min għandu jew m'għandux raġun.

(*Joħroġ u jsellem b'ġesti kbar b'idejh.*)

**PREŻENT:** Aħsbu ftit: Veru hawn każ ta' abbuż?
Charmaine qed tesaġera?
In-Nannu Frank xi vvizzjat?
Jien se nħallikom fil-kwiet biex tiddiskutu …

**TMIEM**